MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2008

Numru 176/2008

**Il-Pulizija**
**Sp Alexander Paul Miruzzi**
**vs**
**Manuel Cutajar**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Manuel Cutajar ta' 31 sena iben Michael u Mansueta nee' Mangion mwieled Pieta fil-15 ta' Marzu 1976 u residenti 'Springfield' Triq Luigi Catania Gharghur, Id 211276M.**

**Akkuzat talli fil-31 ta' Ottubru 2007 ghall-habta ta' 11.35am f'Hal Luqa Industrial Estate bhala l-persuna li zamm jew qabel li jzomm xi annimal gieghel lill-istess isofri ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(2) u 8 (3) ta' l-Att 25 ta' l-2001 Dwar il-Harsien ta' l-Annimali.**

**Rat l-atti kollha tal-process inkluz il-kunsens ta' l-Avukat Generali kif wkoll ta' l-imputat sabiex dawn il-proceduri jkunu sommarji.**

**Semghet ix-xhieda bil-gurament.**

**Semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli prosekutur u ta' l-abbli difensur.**

**Fil-fehma tal-Qorti il-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-imputazzjoni maghmula kontra l-imputat. Huwa vera li l-annimal thalla gew skip pero ma jidher li ma kien hemm ebda intenzjoni li ssirlu hsara jew tbatija jew ugiegh izda fil-fatt kien iktar intenzjonat biex jaghti protezzjoni lil puppy zghir li qabad u dahal fil-post fejn kien hemm periklu kbir ghalih.**

Ghaldaqtant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(2) u 8(3) ta' l-Att 25 tas-sena 2001 qed tillibera lill-imputat minn kull imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------